MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2009

Numru 391/2008

Il-Pulizija
(Spettur Yvonne Farrugia)

vs

Arnold Fenech

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat (karta ta' identita' numru 111076m), talli:

- bejn Awissu 2001 u Dicembru 2001, f'dawn il-Gzejjer, approprja ruhhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, mis-somma ta' aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u seba u tletin centemi ghad-dannu ta' Michael Baldacchino, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema

somma giet fdata minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz;

- il-Qorti mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti fil-ligi, tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esebiti;
- mitluba ukoll li f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 Kap 9.

Rat ir-rinviju tal-Avukat Generali permezz ta' liema bghat l-atti lura lil din il-Qorti sabiex tiddecidi dwar il-htija jew altrimenti tal-imputat fin-nuqqas ta' oggezzjoni da parti tieghu;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tistema sommarjament minn dina l-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat in-noti presentati;

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali l-akkuzi jirriproducu dawk migjuba fic-citazzjoni cjoe' l-approprjazzjoni indebita aggravata stante li l-ammont allegatament misappropjat jissupera l-elfejn tlett mija u disa u ghoxrin euro li hu kolpit b'piena karcerarja minn minimu ta' tlettax il-xahar sa massimu ta' seba' snin.

Illi l-akkuzi joriginaw minn rapport mill-kwerelant, izda prosekwibbli 'ex officio'a bazi tal-Artikolu 294 tal-Kap 9, li fih il-kwerelant allega li kien hallas ammont ta' Lm1725 (ekwivalenti ghal ftit aktar minn erba telef euro) ghal xi sistema komputerizzata li ried jintroduci fir-restaurant tieghu. Dan mhux michud mill-imputat li anzi jikkonferma, kif jirrisulta mill-istqarrija tieghu, li kien accetta li jixtri u jinstalla s-sistema anka li kien thallas ghaliha permezz ta'

cheque moghti lilu mill-kwerelant. Dan kien fl-ahhar ta' Awissu 2001. Mhu lanqas kontestat miz-zewg partijiet li f'xi zmien wara, li kien l-ahhar ta' dik is-sena jew il-bidu tas-sena ta' wara, l-kwerelant avza lill-imputat li ma ridtx aktar is-sistema u ikkancella l-ordni. Milli jidher l-imputat kien riluttanti li jaccetta l-kancellament tal-ordni u konsegwentement li jrodd l -flus lura lill-kwerelant. Jidher li l-ewwel ripacifikazzjoni bejnithom saret fil-21 ta' Jannar 2004 meta gie iffirmat ftheim li bih l-imputat iddikjara ruhu veru, cert u likwidu debitur tal-kwerelant u li jhallas il-flus lura b'pagamenti ta' Lm100 fix-xahar. Il-ftheim ma giex onerat anka ghaliex l-imputat siefer u ghamel xi zmien jghix l-Ingilterra. Sussegwentement fit-28 ta' Ottubru 2008, igifieri xi xhur wara li nbdew dawn il-proceduri, sar ftheim iehor, fuq liema gew effettwati pagamenti u intant l-ammont dovut tnaqqas sostanzjalment. Dawn huma in succinct il-fatti li taw lok ghall-kawza.

Illi sabiex jissusisti r-reat ta' approprjazzjoni bla jedd irid jigi ppruvat:

(A) Minn naha tas-suggett passiv:

- il-konsenja jew l-affidament ta' oggett mobbli (komprizi flus) lis-suggett passiv;
- akkumpanjat b'obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu specifikat;

(B) Minn naha tas-suggett attiv:

- li jappropja ruhu billi jdawwar bi profit ghalih jew ghall-persuna ohra l-oggett mobbli fdat jew ikkunsinnat lilu taht titolu li jgib mieghu titolu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu specifikat;
- li l-approprjazzjoni trid tkun volontarja b'intenzjoni li jsir lukru.

Illi fil-kaz in disamina jirrisulta bic-car li l-flus thalsu sabiex isir uzu specifiku minnhom, cjoe' x-xiri ta' materjal u installazjoni ta' sistema komputerizzata, li ma saritx billi l-kwerelant rega bdilu. Wkoll minn dan l-aspett 'per se', fil-fehma ta' din il-Qorti, hija eskluza l-misapproprjazzjoni, aktar u aktar meta t-transazzjoni li kkonkludew il-partijiet kienet mill-aspett purament civili wahda ta' bejgh u xiri 'sic et simpliciter'. Tabilhaqq, hi fic-cert eskluza l-intenzjoni li jsir lukru fawdolenti, konsistenti l-misapproprjazzjoni, da

parti tal-imputat, fil-waqt li giet konkluza t-transazzjoni. Dana huwa eskluz b'mod assolut u fil-fehma ta' din il-Qorti ippersistiet sal-gurnata tal-lum a bazi tal-ftheim li qablu fuqhom l-imputat u l-kwerelant. Fi kliem iehor din il-Qorti mhux qeghdha tirrjavvisa fil-kawza in disamina l-prova tal-element formali tar-reat, li, fi kliem il-Maino jikkonsisti fil-"volontarieta' della conversione con scienza della sua illegittimita' e dal fine di lucro".

Ghalhekk tiddecidi billi issib l-imputat mhux hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------